MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1176/2001/1

**John Mary sive Jimmy Vella ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta "Attard Fruit Supplies"**

**Vs**

**Joseph Fenech Soler proprio kif ukoll bhala direttur ghan-nom ta' G.M.K. Limited u F.S Communications Limited jew min minnhom u b'digriet tad-19 ta' Frar, 2003 giet kjamata in kawza Blue Foods Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm1,458.46c (elf erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sitta w erbghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' diversi konsenji ta' frott u hxejjex bl-ingrossa flimkien ma' l-imghax kummercjali kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex huwa m'ghandux x'jaqsam kemm ma' G.M.K. Limited kif ukoll ma' F.S. Communications Limited, minghajr pregudizzju li s-somma hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 u minghajr pregudizzju l-ammont m'huwiex dovut in parte jew intier kif jigi muri aktar fid-dettall fil-mori tal-kawza.

Ra li l-ewwel eccezzjoni giet irtirata mill-konvenut.

Ra li giet kjamata in kawza Blue Foods Limited izda qatt ma giet notifikata.

Ra li b'Nota tal-24 ta' Novembru, 2004 l-attur ceda l-kawza fil-konfront ta' G.M.K Limited, F.S Communications Limited u kontra Blue Foods Limited filwaqt li zamm ferm il-pretenzjonjiet tieghu fil-konfront ta' Joseph Fenech Soler personalment.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' l-attur fejn jghid li gieli kien imur il-konvenut jew ic-*chef* li jahdem f'Malata Restaurant jigbor il-merkanzija. L-attur qal ukoll li darba minnhom il-konvenut qallu biex itih cans ghall-hlas imbaghad jibda ihallsu bil-quddiem.

Ra x-xhieda ta' Joseph Fenech Soler fejn qal li s-socjeta' konvenuta G.M.K Limited kienet tiggestixxi l-Malata Restaurant u li kienet tixtri merkanzija minghand l-attur. Meta gie muri diversi *delivery orders* Joseph Fenech Soler qal li dawn kienu gew iffirmati mill-kok Ingliz li kien jahdem fir-*restaurant*. Joseph Fenech Soler qal ukoll li l-ammont ta' Lm1,450 (elf erba' mija u hamsin lira Maltin) ghall-perjodu bejn it-30 t'April, 1999 sal-14 ta' Mejju, 1999 huwa ferm eccessiv ghar-*restaurant* in kwistjoni.

Joseph Fenech Soler qal ukoll li a fol 32 tal-process hemm allegazzjoni li l-Malata Restaurant xtrat tnejn u tletin kilo (32kg) patata u jumejn wara disgha u tletin kilo

(39kg) patata. Joseph Fenech Soler qal li ma jistax ikun li nxtrat patata f'dik il-kwantita' f'dawk il-jiem. Joseph Fenech Soler qal li hu biss kien inkarigat mis-socjeta' G.M.K Limited sabiex jixtri l-merkanzija. Hu jikkalkola li kien jixtri medja ta' Lm40 (erbghin lira Maltin) haxix fil-gimgha.

Joseph Fenech Soler jghid:

"Ghar-rigward l-ammonti li jiena ffirmajt ghalihom nassumi li rcivejthom u ghalhekk dawn ghandi nhallashom."

Joseph Fenech Soler qal li se jesebixxi *credit application form* kif ukoll *cheques* li bihom G.M.K Limited hallset lill-attur. Fil-kontro-ezami Joseph Fenech Soler qal li ma jiftakarx jekk kienx qal lill-attur biex johrog l-*invoices* fuq G.M.K Limited.

Fis-seduta tat-2 t'Ottubru, 2002 l-attur irtira t-talba tieghu fil-konfront ta' F.S Communications Limited.

**Ikkunsidra**

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-konvenut stess qal fil-kawza li:

"Ghar-rigward l-ammonti li ffirmajt ghalihom, nassumi li rcivejthom u lest inhallashom."

Illi l-konvenut qal li hemm *delivery notes* iffirmati mill-kok tal-Malata Restaurant liema kok ma kienx awtorizzat li jiffirma u li hu:

"Ma jafx jekk din il-merkanzija waslet ghand il-Malata Restaurant jew le."

Illi jirrizulta li l-attur ma kienx cert fuq min kien id-debitur tieghu u fil-fatt l-ewwel beda l-kawza kontra diversi kumpaniji u l-konvenut, imbaghad talab l-kjamata in kawza ta' kumpanija li skond ir-Rikors datat 21 ta' Novembru, 2002 kienet tiggestixxi r-*restaurant*. Fl-ahhar wara iktar minn tlett snin l-attur ceda l-kawza fil-konfront

ta’ dawn is-socjetajiet kollha. Ghalhekk l-attur ghandu jhallas parti mill-ispejjez ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut accetta li jhallas ghal dawk l-ammonti li ffirma ghalihom. Illi minn ezami tad-dokumenti u mix-xhieda ta’ Joseph Fenech Soler stess jirrizulta li hu ffirma d-dokumenti a fol 24 u 26 tal-process. Illi skond dawn id-dokumenti l-konvenut ircieva merkanzija ghall-prezz ta’ Lm112.45c (mija u tnax-il lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu) u Lm105.48c (mija u hames liri Maltin u tmienja w erbghin centezmu).

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet irtirata. It-tieni eccezzjoni hi dwar preskrizzjoni. Din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda billi l-konvenut accetta li jhallas ghal dawk l-*invoices* li ffirma.

Ghaldaqstant jilqa’ t-talba attrici biss in kwantu ghall-ammont ta’ Lm217.93c (mitejn u sbatax-il lira Maltin u tlieta u disghin centezmu) bl-imghax mid-data taz-zewg *invoices* bit-8% (tmienja fil-mija) fis-sena. Jikkundanna lill-konvenut Joseph Fenech Soler biex ihallas Lm217.93c (mitejn u sbatax-il lira Maltin u tlieta u disghin centezmu) bl-imghax kif gja’ ddikjarat lill-attur. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------